MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1120/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**

**vs**

**Nazzareno Buhagiar**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Nazzareno Buhagiar ta’ 35 sena, iben Joseph u Vincenza nee` Baldacchino, imwieled il-Pieta` fit-13 ta` Ottubru, 1970 u residenti f` ‘FrediHelly’, Flat 2, Notabile Road, B`Kara u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 442470 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

1. Fl-20 ta` Dicembru, 2005, gewwa l-Belt Valletta, bejn id-disgha nieqes kwart ta` filghodu u d-disgha u nofs ta` filghodu;

a. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta` industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta` dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. Ghamel uzu, xjentement, ta` marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista` tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b`din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta` kummerc, merkanzija b`marka, sinjal jew emblema imxebbhin b`qerq;
u cioe` diversi CDs tal-Muzika, films fuq DVDs, u oggetti ohra.
(Dan bi ksur ta` l-Artikolu 298 (1) (a), (c), u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

2. U aktar talli, fl-istess data, hin u lok, ghal qligh, jew bi skop ta` kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta` l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta` Malta jew tahtha;
(Dan bi ksur ta` l-Artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

U b`hekk, l-imputat Nazzareno Buhagiar**,** sar recidiv a termini ta` l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta, b`diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta` htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta` l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f`kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta` spejjez li jkollhom x`jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Jannar 2006 (esebit a fol. 72 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-20 ta' Dicembru 2005 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat ir-rapport tal-espert tekniku minnha nominat permezz ta' digriet tat-12 ta Jannar 2006 (esebit a fol. 110 sa 136 tal-atti processwali).
Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi f'dan il-kaz irrizulta li fl-20 ta' Dicembru 2005 ghal habta tad-9.30am saret spezzjoni jew *raid* mill-Pulizija ghal oggetti kontrafatti (*counterfeit*) fuq il-Monti, l-Belt Valletta. Mix-xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla (inserita a fol. 64 u 65 tal-process) jirrizulta li minn fuq l-*istall* jew *stand* tal-imputat Nazzareno Buhagiar gew elevati mitejn u tmienja u sebghin (278) DVD suspettati li kienu foloz (*counterfeit*) flimkien ma tlett *cases* ta' DVD's li kienu vojta. Meta gew ikkonfiskati l-imsemmija DVD 's l-imputat inghata d-debita ricevuta u huwa ghazel li ma jiffirmax tali ricevuta (dokument esebit a folio 68 tal-process). Sussegwentement l-imputat ittiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn ittiehditlu stqarrija izda huwa ghazel li ma jwegibx ghal kwazi d-domandi kollha li sarulu.

F’dawn il-proceduri giet prezentata kwerela (esebita a fol. 69 sa 71 tal-process) iffirmata minn Dr. Patrick Galea li kien qed jagixxi bhala mandatarju ta’ diversi socjetajiet barranin produttrici tal-films elenkati fl-istess kwerela fejn talab lil Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga u jipprocedi ai termini tal-Artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fir-rigward tal-ksur ta’ drittijiet tal-awtur appartenenti lis-socjetajiet esteri elenkati fil-kwerela stante li fl-20 ta’ Dicembru 2005 kien hemm ghal bejgh fuq il-monti tal-Belt ammont konsiderevoli ta’ DVD’s liema bejgh kien qed isir bi ksur tad-drittijiet tal-awtur appartenenti lis-socjetajiet kwerelanti. Dr Patrick Galea xehed f’dawn il-proceduri fis-seduta tat-12 ta’ Jannar 2006 (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 73 tal-process) fejn wara li gie muri l-kwerela esebita a fol. 69 sa 71 tal-process) ikkonferma li huwa kien baghat din il-kwerela ghan-nom tal-klijenti tieghu u prometta li jesebixxi kopji tal-prokuri moghtija lilu mill-klijenti tieghu fi stadju ulterjuri. Il-Qorti f’dan l-istadju tirrileva li dawn il-prokuri baqghu qatt ma gew esebiti.

Permezz ta’ digriet tat-12 ta’ Jannar 2006 il-Qorti hatret bhala espert lil Horace Anastasi bl-inkarigu li jezamina id-DVD’s li gew elevati fir-*raid* li saret fl-20 ta’ Dicembru 2005 liema DVD’s gew esebiti fis-seduta tat-12 ta’ Jananr 2006 u gew immarkati bhala Dok. AX. Fir-rapport tieghu li jinsab esebit a folio 110 et sequitur tal-process l-espert tekniku kkonkluda is-segwenti:-

*“Illi Digital Video (Versatile) Disc (DVD) “<u>GENWINA</u>” jista’ jkollha:-Kaxxa---‘Jewel/Plastic/Hard Box’ issigillata fil-plastik, Inlay/Slieve bil-Kuluri ta’ kwalita’ superjuri, bhal fil-Grafika, Stampa ecc., li ikollha Hologram Sticker, Ktejjeb bl-Informazzjoni/Letteratura iddettaljata, bid-Data ta’ meta nhareg il-Film, Dettalji dwar ‘Licensing’ indikati sew, IFPI--- ‘International Federation Of The Phonographic Industry’, fuq iz-zewg Crieki tan-nofs ta’ fejn tirrikordja—Source Identification Code u/jew Matrix Number, ‘Subtitles’ jaqblu, ‘Credits’ jidru kollha, Kliem spellut tajjeb, Grammatika tajba, ‘Rating’, Zona tar-Regjun ezatta u bi Prodott fl-aqwa livell u bi Protezzjoni.”*

*Illi DVD "GENWINA" hija prodotta fl-aqwa livell u tahdem tajjeb.*

*Illi DVDs go 'plastic wallet' u go borza kannella u bin-Numri fuqhom, ma jistghux jissejhu "GENWINI".*

*Illi DVD Originali ghandu minn Diska s' aktar u mhux tliet (3) films fuq Diska.*

*Illi DVD's li ghandhom Thassir u Brix fuq fejn tirrekordja d-Diska, u li ghandhom iktar minn Film fuq Diska wahda, ma jissejhux "GENWINI".*

*Illi l-Industrija tal-Films ma timmanifatturax il-Prodott taghha fuq il-'format' ta' dawn l-Esebiti.*

*Illi meta DVD jkollu iktar minn film wiehed fuq id-Diska, illi meta il-'Copyright Holder' mhux imsemmi, illi meta hawn stampat li huwa 'Region 1' u l-Film inhadem fl-Asja, meta Film ghadu ghaddej fic-Cinema, eccetera, jissejjah 'Piraterija'*.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet, u cioe' dik ta' frodi fil-kummerc u industrija taht dak li jiddisponu l-Artikoli 298 (1)(a), (c) u (f) kif ukoll bi ksur tad-drittijiet tal-awtur taht dak li jiddisponi l-Artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza, u cioe' dik ta' frodi fil-kummerc il-Qorti jidrilha li l-fattispeci tal-kaz odjern ma jinkwadraw ruhhom fil-parametri ta' dan ir-reat. L-Artikoli 298 (1)(a),(c) u (f) fil-fatt jitkellmu dwar min *"xjentement iqieghed fic-cirkolazzjoni, ibiegh jew izomm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq".* Fil-kaz odjern kull ma rrizulta mir-rapport tal-espert nominat mill-Qorti kien li l-kontenut tad-*diskettes* li gew elevati mill-Pulizija ma kienx *compliant* mal-original u li ghalhekk dawn id-DVD's kienu kkupjati. Bl-ebda mod izda ma rrizulta li mal-oggetti elevati kien hemm imwahhal xi marka, emblema jew sinjal intizi sabiex iqarqu. Fil-kaz odjern l-allegat ksur jista' jitqies li huwa

ksur tad-drittijiet tal-awtur (*copyright infringement*) u mhux ksur ta’ *trademark* jew *industrial design*. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artikolu 298 (1) jirreferi ghal dawn l-ahhar *intellectual property rights*, u cioe’ *trademarks u industrial designs* u mhux ghal copyright u fil-kaz odjern bl-ebda mod ma rrizulta mill-provi li kien hemm xi forma ta’ marka, sinjal jew emblema imwahhlin b’qerq fuq l-oggetti elevati. Ghal dawn il-motivi l-imputat qed jigi dikjarat mhux hati tal-ewwel akkuza u konsegwentement huwa qed jigi liberat mill-istess akkuza.

Permezz tat-tieni akkuza l-imputat qed jigi akkuzat bi ksur tad-drittijiet tal-awtur taht dak li jiddisponi l-Artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-fattispecie ta’ dan il-kaz certament jinkwadraw ruhhom f’dak li jiddisponi dan l-Artikolu ghaliex kif diga’ inghad aktar ‘il fuq l-espert nominat minn din il-Qorti wara li ezamina id-Dvd’s li gew elevati fir-raid tal-20 ta’ Dicembru 2005 u li jinsabu esebiti fil-proceduri odjerni kkonkluda li dawn ma kienux *compliant* mal-originali u ghalhekk kienu kkupjati. Ir-reat kontemplat fl-Artikolu 298B jirrikkjedi l-kwerela tal-parti offiza fis-sens illi ebda proceduri ma jistghu jinbdew minghajr il-kwerela tal-parti. Fil-kaz odjern il-kwerela relattiva tinsab esebita a folio 69 sa 71 tal-process u hija ffirmata mill-Avukat Patrick Galea li qed jagixxi bhala prokuratur specjali ta’ varji socjetajiet esteri produttrici tal-*films*. F’dan il-kaz il-Qorti jidrilha li kellha ssir il-prova mhux biss li saret kwerela izda li effettivament min ghamel dik il-kwerela huwa il-parti offiza u cioe’ li huwa s-sid tad-drittijiet tal-awtur li allegatament sar il-ksur taghhom. Fil-kaz in dizamina ghalkemm giet esebita l-imsemmija kwerela u ghalkemm din il-kwerela giet debitament ikkonfermata bil-gurament mill-Avukat Patrick Galea (ara xhieda relattiva a folio 73 tal-process) fil-kwalita’ tieghu ta’ prokuratur specjali tas-socjetajiet esteri msemmija fil-kwerela, izda bl-ebda ma gie pruvat li s-socjetajiet esteri li huwa qed jirrapprezenta jew jagixxi ghan-nom taghhom effettivament huma l-propjetarji tad-drittijiet tal-awtur tal-*films* li gew ikkupjati fuq id-Dvd’s elevati mill-Pulizija fir-raid in kwistjoni u l-anqas ma ngabet il-prova li Dr. Patrick Galea inghata l-inkarigu li jagixxi ghan-nom tal-socjetajiet esteri msemmija fil-kwerela. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-

atti processwali u setghat tikkonstata li bl-ebda mod ma ngabet prova li s-socjetajiet barranin indikati fil-kwerela huma l-propjetarji tad-drittijiet tal-awtur tal-films li hemm elenkati fir-rapport tal-espert tekniku nominat mill-Qorti, u cioe' tal-films li taghhom saru l-kopji fid-diskettes elevati fir-raid tal-20 ta' Dicembru 2005.
F'dan rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tal-***24 ta' April 2002*** fil-kawza fl-ismijiet ***Pulizija vs Eugenio Frantz*** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:-

*'F' dan il-kaz kien hemm mod semplici hafna kif setghet issir tali prova, u cioe' billi l-avukat Galea bhala prokuratur specjali tal-kumpaniji esteri tal-films, jiddikjara bil-gurament, b'referenza ghal kull wiehed mill-films maqbuda, minn kien jew kienu il-'copyright owner/s'. Tali prova kienet tkun prima facie ta' min ghandu d-drittijiet ta' l-awtur fir-rigward tal-film li jkun; u kien imbghad jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probbabilita', li ma kienx minnu li l-kumpanija li kien qed jirrapresenta l-prokuratur specjali kellha dak il-'copyright'.*

Fil-kaz odjern ma jistghax jinghad li saret tali prova u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu stante li din ma gietx pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni peress li ma ngabitx prova li l-kwerelanti, u cioe' s-socjetajiet esteri li ghalihom qed jagixxi Dr. Patrick Galea huma effettivament il-propjetarji tad-drittijiet tal-awtur li kien hemm il-ksur taghhom meta sar l-ikkupjar tad-DVD's li gew elevati mill-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuzi izda tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2006 (Dok. AX) u cioe' tal-278 DVD's stante li rrizulta li dawn huma *pirated*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------